25 ta' Novembru 2016

L-Onorevoli Dr. Joseph Muscat
Prim Ministru

Onorevoli Prim Ministru,

## Inkjesta dwar ir-Rilaxx mill-Arrest tas-Sur Danijel Bogdanovic

B'rispett, nirreferi għall-ittra OPM/COF/504/2016 tas-7 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha l-Onorevoli Sur Louis Grech, Aġent Prim Ministru, ħatarni Bord ta' Inkjesta dwar il-każ tar-rilaxx mill-arrest tas-Sur Danijel Bogdanovic nhar it-30 ta' Ottubru 2016 (DOK 1 mehmuż).

Qiegħed nippreżentalek dan ir-rapport li hu msejjes fuq ix-xiehda li jien ġbart mingħand diversi persuni matul il-ġranet li għaddew, persuni li, direttament jew indirettament, kellhom x'jaqsmu mal-każ imsemmi. Ir-rapport jibbaża wkoll fuq tagħrif jew pariri li jien ksibt dwar jekk il-proċeduri adottati f'każijiet ta' allegata vjolenza domestika humiex adegwati.

**A. Fatti tal-każ kif jirriżultaw minn rapporti li rajt u smigħ ta' xhieda u recordings ta' telefonati.**

1. F'xi s-7.00 p.m. ta' nhar is-Sibt 29 ta' Ottubru 2016, is-Sinjura Alison Bogdanovic daħlet fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex u għamlet rapport dwar theddid li għamlilha żewġha permezz ta' sms. Is-Sinjura Bogdanovic kienet akkompanjata minn ħuha Ferdinando Apap. Oriġinarjament, r-rapport daħal għand is-Surgent PS 1061 Justin Zammit li immedjatmant għarraf lill-Ispettur Edel Mary Camilleri. L-ispettur sejħet lis-Sinjura Bogdanovic fl-uffiċju biex tkellimha fil-preżenza ta' PS 1061. Is-Sinjura Bogdanovic talbet li ħuha ikun magħha; l-ispettur ma sabitx oġġezzjoni.
2.

3.

Fil-ħin li rrapportat l-għassa, l-ulied kienu għand ommha għax hi kienet xogħol filwaqt li żewġha kien qiegħed fid-dar matrimonjali. Żiedet tgħid li hi kienet qegħda tħossa beżgħana wara li rċeviet l-sms imsemmi u anki għaliex xi żmien qabel żewġha ippontalha arma tan-nar u f'okkażjoni oħra waddab fann fid-direzzjoni tagħha. Fl-istqarrija li ta lill-Ispettur, is-Sur Bogdanovic ċaħad li xi darba pponta arma lejn martu anzi qal li darba, waqt tilwima magħha, hi marret għalih b'sikkina.

4. Għal mistoqsija għaliex ma kenitx irrapportat qabel, is-Sinjura Bogdanovic wieġbet li kienet tibża tagħmel rapporti, u anki għaliex kien diffiċli għaliha li tagħmel dan

Għal mistoqsija oħra, s-Sinjura Bogdanovic wieġbet li fl-aħħar ġimgħat ma kienx hemm inċidenti bħal dawn; kien propju dan l-sms li nissel biża' kbira fiha u għamlet il-kuraġġ li tirraporta lill-Pulizija. Spjegat ukoll li żewġha għandu xi armi liċenzjati f'ismu li jżommhom fid-dar matrimonjali.

5. L-Ispettur Edel Camilleri ordnat tfittxija immedjata fid-dar matrimonjali. Hemmhekk, il-pulizija sabu lil żewġha Danijel u żewġ armi, rifle u pistola, fi kmarar differenti. Sabu wkoll ammont sostanzjali ta' munizzjon iżda l-armi ma kienux ikkargati u l-ebda munizzjon ma nstab fihom. La l-armi u l-anqas il-munizzjon ma kienu msakkrin f'post sikur. Il-pistola u munizzjon instabu f'kaxxa fil-kexxun tal-komodina fil-kamra tas-sodda u r-rifle instab wara sufan fl-ewwel kamra kif tidħol fl-appartament. Il-pulizija li għamlu t-tfittxija arrestaw lis-Sur Bogdanovic u ssekwestraw iż-żewġ armi u l-munizzjon. Skont r-records tal-Pulizija, kien hemm it-tielet arma (airsoft rifle) rreġistrata f'isem is-Sur Bogdanovic. Mistoqsi dwar dan, hu wieġeb li din kienet għadha għand sid il-ħanut 'Tan-Namra' f'Ħaż-Żebbug Malta. Is-Sur Bogdanovic ikkopera mal-pulizija u deher kalm il-ħin kollu.
6. Waqt l-interrogazzjoni mill-Ispettur Edel Camilleri fl-Għassa tar-Rabat, iddeċieda li ma jikkonsultax ma' avukat imma talab li jitkellem mas-Sur Jeffrey Farrugia tax-Xewkija Tigers. Lis-Sur Farrugia kellmu PS 1061 fejn għarrfu li s-Sur Bogdanovic kien jinsab arrestat mill-Pulizija. Ma ngħata ebda tagħrif ieħor lis-Sur Farrugia. Eventwalment, is-Sur Farrugia mar l-Għassa tar-Rabat; talab biex ikellem lill-Ispettur imma tkellem biss mas-Surġent.
7. Is-Sur Bogdanovic ammetta li kien f'mument ta' rabja meta bagħat dak l-sms lil martu imma żied li ma kellu ebda intenzjoni li jwettaq dak li kien kiteb fl-sms. Dwar il-mod traskurat u irresponsabbli li fih instabu l-armi f'daru u l-periklu ċar għal uliedu b'armi u munizzjon jiġru mad-dar, s-Sur Bogdanovic ammetta li kien nuqqas min-naħa tieghu iżda żied jgħid li qatt ma kellu ħsieb li jweġġa' lil xi ħadd.
8. L-Ispettur Edel Camilleri ddeċidiet li żżomm lis-Sur Bogdanovic arrestat fil-*lock up* tar-Rabat almenu sakemm teħodlu stqarrija l-Ħadd filgħodu. Peress li dan kien ifisser li kienet teħtieġ iżżommu arrestat għal iktar minn sitt siegħat, għarrfet lill-Maġistrat Dr Joanne Vella Cuschieri dwar il-każ u anki dwar l-intenzjoni li ttella' lis-Sur Bogdanovic b'arrest il-Qorti t'Għawdex. Il-Maġistrat informat lill-Ispettur li l-każ kellu jitressaq it-Tnejn filgħodu meta hi (l-Maġistrat) titla' Għawdex minn Malta.
9. Iktar tard filgħaxija, Assistant Commissioner (AC) Carmelo Magri ċempel lill-Ispettur Edel Camilleri isaqsi dwar l-arrest tas-Sur Bogdanovic. AC Magri sar jaf bil-każ wara li rċieva telefonata mingħand is-Sur Jesmond Zammit, kowċ ta' Xewkija Tigers, li staqsa hekk kienx minnu li kien ġie arrestat is-Sur Bogdanovic. L-Ispettur spjegat lil AC Magri dak li kien seħħ dwar il-każ Bogdanovic sa dak il-ħin, li Bogdanovic kien ammetta li l-sms bagħtu hu u li, ġaladarba teħodlu stqarrija l-Ħadd filgħodu, l-istħarriġ ikun prattikament lest . AC Magri ssuġġerixxa lill-Ispettur Camilleri, speċjalment minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-każ, biex terġa' tikkomunika mal-Maġistrat dwar id-data u l-ħin tal-preżentata, dan peress li l-investigazzjoni kienet se tkun lesta sal-Ħadd

filgħodu. Meta reġa' ċempel lill-Ispettur ftit tal-ħin wara, din qaltlu li l-Maġistrat kkonfermat li l-każ ta' Bogdanovic kellu jitressaq it-Tnejn filgħodu. AC Magri reġa' ikkomunika wkoll mas-Sur Zammit biex jikkonferma li s-Sur Bogdanovic kien se jinżamm arrestat.

10. Il-Ħadd 30 ta' Ottubru 2016 għal ħabta tad-9.00 a.m. is-Sur Bogdanovic reġa' inġieb quddiem l-Ispettur Camilleri u, fil-preżenza tas-Surġent PS 1365 Chris Formosa, ffirma stqarrija. Dan kien f'xi l-10.15 a.m. L-investigazzjoni kienet lesta u kien jonqos biss li l-Ispettur tiċċekkja l-fedina penali tas-Sur Bogdanovic, dettal li skont l-Ispettur setgħet iġġib biss it-Tnejn filgħodu (ħinijiet tal-uffiċċju). F'konversazzjoni li l-Ispettur kellha quddiem l-uffiċju tagħha mas-Supretendent Antonello Grech (li hu nkarigat mir-Reġjun ta' Għawdex) il-Ħadd filgħodu, dan taha x'tifhem li jista' ikun li hi tkun qegħda żżomm lil Bogdanovic arrestat kontra l-ispirtu tal-liġi, cioe' li l-Pulizija m'għandhiex iżżomm persuna taħt arrest jekk m'hemmx ġustifikazzjoni li tagħmel hekk.
11. L-Ispettur Camilleri, bil-kunsens tas-Supretendent Vella, ddeċiediet li hekk kif jiffirma l-istqarrija, s-Sur Bogdanovic ikun rilaxxat fuq *Police Bail* b'xi kondizzjonijiet, fosthom li jerġa' jirrapporta fl-Għassa tar-Rabat it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2016 fit-8.30 a.m. biex imbagħad jitressaq b'arrest il-Qorti t'Għawdex (DOK 2 mehmuż).
12. Wara li twassal fid-dar matrimonjali eskortat mill-pulizija sabiex jiġbor xi ħwejjeġ biex jilbes, lis-Sur Bogdanovic wasluh l-istess pulizija f'indirizz fejn toqgħod oħtu u ħallewh hemm. Iktar tard is-Sur Bogdanovic kien wieħed mill-players fil-logħba li Xewkija Tigers kellhom kontra Kerċem Ajax fit-3.00 p.m. Dan minkejja li s-Sur Zammit (kowċ tat-tim) kien tella' miegħu minn Malta player Malti (li għall-finijiet tal-futbol f'Għawdex jitqies bħala barrani) biex jilgħab minflok Bogdanovic.
13. Is-Sur Bogdanovic tressaq il-Qorti quddiem il-Maġistrat Dr Joanne Vella Cuschieri fid-9.00 a.m. tat-Tnejn. Wara li nqraw l-akkużi u nstemgħu l-partijiet, s-Sur Bogdanovic ingħata l-liberta' proviżorja fuq depożitu ta' EUR 1,000 u garanzija personali ta' EUR 10,000 li daħal garanti għalihom is-Sur Jeffrey Farrugia, President ta' Xewkija Tigers Football Club. Fuq talba tal-Ispettur Camilleri, l-Maġistrat ħarġet ukoll Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat (DOK 3 mehmuż).

## B. Konsiderazzjonijiet u Konklużjonijiet

14. L-ingredjenti biex dan il-każ jiġbed l-attenzjoni tal-media kienu hemm, cioe' vjolenza domestika (għalkemm mhux fiżika, xorta gravi minħabba l-kliem li intuża), player tal-futbol pjuttost popolari għax kien anki jilgħab fit-tim nazzjonali, l-preżenza tal-armi (reġistrati u liċenzjati) u l-munizzjon fid-dar matrimonjali li ma kienux imsakkrin f'post sikur kif titlob il-liġi u, ma' dawn, it-telefonati li saru biex isaqsu dwar l-arrest tas-Sur Bogdanovic. Barra minnhekk, wieħed m'għandux jinsa r-rivalita' kbira li teżisti fil-logħba tal-futbol fil-gżira Għawdxija. Dan ma jfissirx li din l-prominenza għandha ttellef milli wieħed iħares b'mod razzjonali u jqis il-każ fil-kuntest ta' kif żviluppa mill-ewwel rapport li daħal għand il-Pulizija sakemm is-Sur Bogdanovic ingħata l-liberta' proviżorja mill-Qorti taħt Ordni ta' Protezzjoni, pleġġ u garanzija personali.
15. M'hemmx dubju li l-mod kif imxiet il-Pulizija mill-mument li fih is-Sinjura Bogdanovic irrapportat it-theddida minn żewġha, l-azzjonijiet li ħadet il-Pulizija biex ikunu protetti

l-mara u l-ulied, fosthom is-sekwestru tal-armi u munizzjon u l-arrest immedjat tas-Sur Bogdanovic huma denji ta' nota. Dan għaliex permezz tagħhom, tneħħa kull riskju ta' periklu li seta' kien hemm fis-saħna tal-mument u immedjatament wara li daħal ir-rapport dwar it-theddida. U hu propju f'dan il-kuntest li wieħed irid jifli dak li ġara bejn is-Sibt filgħaxija meta kien arrestat is-Sur Bogdanovic sal-għoti lilu tal-*Police Bail* il-Ħadd filgħodu.

16. Jien sejjaħt lix-xhieda kollha li dehrli li b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-każ, iżda mhux lis-Sinjuri Bogdanovic jew qraba tagħhom. Kellimt lill-Maġistrat tal-Għassa li magħha kkomunikat l-Ispettur is-Sibt filgħaxija, u l-Editur tal-ġurnal li ġab il-każ għall-attenzjoni tal-pubbliku. Iltqajt u ħadt ukoll ix-xiehda mingħand il-Ministru għal Għawdex. Tkellimt anki mal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Analiżżajt ix-xiehda kollha li smajt. Smajt ukoll xi recordings ta' telefonati.
17. Mit-telefonati li saru mill-AC Carmelo Magri lill-Ispettur Edel Camilleri s-Sibt filgħaxija u li kienu rrekordjati mir-Recording System tal-Pulizija, nnotajt li AC Magri semma' il-possibilita' li l-Maġistrat tikkonsidra li Bogdanovic jitressaq b'arrest il-Qorti l-Ħadd filgħodu. Dwar dan, l-Ispettur offriet li hi terġa' tkellem lill-Maġistrat u AC Magri qabel, imma tenna li ma riedx jindaħal fil-kwistjoni. Nista' nikkonferma li mis-smigħ tar-recordings tat-telefonati AC Magri fl-ebda ħin ma ta xi struzzjonijiet jew għafas lill-Ispettur Camilleri biex toħroġ lil Bogdanovic fuq *Police Bail*.
18. Punt li ħareġ mix-xiehda li ta s-Supretendent Antonello Grech jirrigwarda l-fatt li, jekk l-istħarriġ tal-Pulizija jkun konkluż, ma kenitx prattika normali għall-Pulizija li persuna tinżamm arrestata iktar milli kien meħtieġ sempliċiment għaliex il-liġi tagħti lill-Pulizija l-poter ta' arrest sa massimu ta' 48 siegħa. Is-Supt Vella anki ppreżenta lili xi estratti minn sentenzi tal-Qorti f'dan ir-rigward, u li hawn qiegħed nikkwota minn waħda minnhom: .....*Anzi jidher ċar li l-leġislatur impona fuq il-pulizija li ma tieħux it-48 siegħa kollha biex tressaq persuna quddiem il-Qorti meta obbligata taġixxi 'bla ebda dewmien mhux meħtieġ'.* Id-dokumentazzjoni li ppreżenta lili s-Supt Vella hi mehmuża ma' dan ir-rapport (DOK AG1, AG2 u AG3).
19. Salv il-kopja stampata (hard copy) tal-sms li l-Ispettur Camilleri talbet mingħand is-Sinjura Bogdanovic, li baqgħet ma waslitx għand l-Ispettur imma kienet ippreżentata fis-seduta tal-Qorti nhar l-10 ta' Novembru, u informazzjoni dwar il-fedina penali tas-Sur Bogdanovic, li setgħet tinġieb mhux qabel it-Tnejn filgħodu, l-investigazzjoni tal-Pulizija setgħet titqies li kienet lesta sal-Ħadd filgħodu. Dan ma jfissirx li allura Bogdanovic kellu jinħeles b'mod awtomatiku. Il-gravita' tal-każ (theddida serja) u s-sensittivita' li ġġorr magħha vjolenza domestika fis-soċjeta' tal-lum jitolbu kawtela. L-Ispettur ħasset li d-diskors tas-Supretendent quddiem l-uffiċju tagħha l-Ħadd filgħodu kien qisu twiddiba. Għalhekk sabet ruħha f'konflitt. Dan għaliex, għalkemm ħassitha ċerta li fiċ-ċirkostanzi kienet ħadet il-prekawzjonijiet meħtieġa biex ikunu salvagwardati s-Sinjura Bogdanovic u uliedha, li kienu jinkludu s-sekwestru tal-armi u ftehim mas-Sur Bogdanovic li jmur joqgħod f'residenza li ma tkunx dik matrimonjali, fil-fehma tagħha, it-theddida li Bogdanovic għamel lil martu kienet serja ħafna. Wieħed ma jridx jinsa l-fatt li l-armi u munizzjon instabu mitluqa bl-addoċċ u mhux imsakkrin kif suppost f'post sikur fid-dar matrimonjali fejn jgħixu tlett itfal minuri.



Ir.

20. Nirreferi issa għall-artiklu tal-liġi li jitratta l-arrest ta' persuna u r-rilaxx tal-istess persuna mill-Pulizija, 'l hekk imsejħa *Police Bail*, eżattament Artiklu 355 AJ (1) u (3) u Artiklu 355 AL (1), (2) u (3) tal-Kapitlu 9 – Kodiċi Kriminali, tal-liġijiet ta' Malta. Skont Artiklu 355 AJ (1), l-uffiċjal tal-Pulizija li jkun ordna l-arrest hu marbut bil-liġi li javża lill-Maġistrat tal-Għassa jekk l-arrest se jdum iżjed minn sitt siegħat. F'dan il-każ, l-Ispettur Edel Camilleri qieset iċ-ċirkostanzi kollha u l-proċeduri li kellha ssegwi u kkalkolat li s-Sur Bogdanovic żgur kien se idum iktar minn sitt siegħat taħt arrest sakemm hi kienet se tikkonkludi l-istħarriġ tagħha inkluż it-teħid ta' stqarrija ffirmata mis-Sur Bogdanovic. Għalhekk, f'xi 8.30 p.m., tkellmet mal-Maġistrat Dr Joanne Vella Cuschieri li awtorizzat iż-żamma taħt arrest tas-Sur Bogdanovic għall-iktar minn sitt siegħat. Fl-istess telefonata, l-Maġistrat u l-Ispettur ftehmu li l-preżentata ssir it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2016 fid-9.00 a.m. Id-data u l-ħin tal-preżentata kienu kkonfermati f'telefonata oħra mill-Ispettur ftit minuti wara l-ewwel waħda fejn l-Ispettur għarrfet lill-Maġistrat li kienet għadha kemm irċeviet telefonata mill-AC Magri li staqsa dwar l-arrest tal-footballer Bogdanovic.
21. Skont Artiklu 355 AJ (3) tal-istess Kapitlu 9, l-Ispettur Camilleri kienet marbuta wkoll li tirrilaxxa lis-Sur Bogdanovic jekk ma kenitx se tressqu b'akkuża l-Qorti fi żmien 48 siegħa mill-arrest. L-arrest seħħ fit-8.00 p.m. tas-Sibt, li jfisser li 48 siegħa kienu jiskadu fit-8.00 p.m. tat-Tnejn. Il-Maġistrat kienet ġja qaltilha biex il-preżentata ssir l-ewwel ħaġa t-Tnejn filgħodu. Dan ifisser li s-Sur Bogdanovic żgur ma kienx se jdum iktar minn 48 siegħa arrestat li kieku l-Pulizija żammitu taħt arrest kontinwu sakemm jitressaq b'akkuża fil-Qorti kif kien ġja miftiehem mal-Maġistrat.
22. Dan iwassal biex wieħed jikkonsidra jekk id-deċiżjoni tal-Pulizija li jirrilaxxaw lis-Sur Bogdanovic fl-10.30 a.m. tal-Ħadd kenitx f'waqtha jew le. Hawn irrid infakkar li l-Ispettur u l-istaff tagħha kienu għamlu l-arranġamenti kollha (arrest immedjat, sekwestru tal-armi, akkomodazzjoni alternattiva għal dik matrimonjali, kondizzjonijiet tal-*Police Bail*) biex inaqqsu kemm jista' ikun ir-riskju ta' periklu li seta' kien hemm.
23. Lil hinn mill-arrest u rilaxx f'dan il-każ partikolari, jidher ċar li l-*Police Bail* hi prattika użata pjuttost b'mod regolari iktar milli b'eċċezzjoni. Minn banda, dan juri wkoll li m'hix il-prassi tal-uffiċjali investigaturi li jabbużaw mil-liġi li tagħtihom dritt ta' arrest ta' persuna suspettata għal perjodu ta' 48 siegħa. M'hemmx dubju, imma, li wieħed irid jiżen ukoll il-gravita' jekk mhux ukoll is-sensittivita' tal-każ li qiegħed ikun mistħarreġ.
24. Lura lejn Artiklu 355 AL (1) u (2). Hawn jidher ċar li, jekk ma jkunx hemm xi raġuni partikolari għaliex persuna għandha tibqa' taħt arrest, dik il-persuna għandha tiġi rilaxxata, jekk hemm bżonn, b'ċertu kondizzjonijiet li jitlob sub-artiklu (3) tal-istess artiklu tal-Kodiċi Kriminali. Hekk għamlet f'dan il-każ l-Ispettur Camilleri wara li tkellmet mas-Suprentendent Vella, s-superjur dirett tagħha. Minn dan l-aspett il-Pulizija mxiet fil-parametri li tagħtiha l-liġi.
25. Mill-istess xiehda li smajt u flejt matul il-kors tal-inkjesta, jirriżulta li l-uniku telefonata dwar il-każ Bogdanovic li saret lill-Pulizija minn persuna mhux membru tal-Korp kienet dik tas-Sibt filgħaxija mingħand is-Sur Jesmond Zammit, kowċ ta' Xewkija Tigers, lill-AC Carmelo Magri. Is-Sur Zammit sar jaf bl-arrest tas-Sur Bogdanovic mingħand is-Sur Jeffrey Farrugia, President ta' Xewkija Tigers FC. Bogdanovic jilgħab fl-ewwel tim tal-

klabb. Bħala kowċ, is-Sur Zammit ħassu fid-dmir li jara x'ġara lil wieħed mill-players tiegħu u anki minħabba l-logħba li t-tim kellu jilgħab 'l għada.

26. Imkien matul is-smiegħ tax-xiehda ma rriżultali li kien hemm telefonati oħrajn minn nies esterni għall-Korp. Dan joħroġ kemm mix-xiehda li ta minn jeddu b'ġurament l-Onorevoli Ministru Dr Anton Refalo, kif ukoll dik mogħtija mis-Sur Jeffrey Farrugia, president tal-klabb, li stqarr li kif sar jaf dwar l-arrest ta' Bogdanovic is-Sibt filgħaxija mar l-Għassa tar-Rabat biex jipprova jitkellem mal-Ispettur iżda minflok tkellem mas-Surġent li kien għassa dak il-ħin li qallu li Bogdanovic kien se jibqa' arrestat. Minnufih ċempel lis-Sur Jesmond Zammit, kowċ ta' Xewkija Tigers. Jirriżultali wkoll li, min-naħa tiegħu, l-kowċ tkellem biss ma' AC Magri li mbagħad beda jċempel lill-Ispettur Camilleri.

27. Jirriżultali wkoll li kemm il-president kif ukoll il-kowċ kienu ġja rrassenjaw ruħhom li Bogdanovic kien se jibqa' arrestat u li, allura, ma kienx se jkun jista' jilgħab il-Ħadd. Tant hu hekk, li ġja mis-Sibt tard filgħaxija l-kowċ, bi ftehim mal-president, stqarr li beda jipprova jirranġa biex itella' player ieħor minn Malta għal-logħba tal-Ħadd. Fil-fatt, hekk ġara għax fis-12.45 p.m. tal-Ħadd il-kowċ qabad il-vapur t'Għawdex flimkien mal-player Malti Cedric Sciberras li, għall-finijiet tal-futbol f'Għawdex, hu meqjuż bħala player barrani. Kien bejn wieħed u ieħor f'dak il-ħin li l-coach sar jaf, permezz ta' telefonata, li Bogdanovic mar il-ground fejn kienet se tintlagħab il-partita bil-ħsieb li jilgħab. Eventwalment, Bogdanovic lagħab il-logħba kollha filwaqt li fil-*line up* tat-tim Cedric Sciberras tniżżel bħala fisioterapista.

28. Mix-xiehda kif ippreżentata lili, jirriżulta li ma kien hemm ebda indħil estern ieħor li wassal lill-Ispettur Camilleri tawtorizza l-*Police Bail* lis-Sur Bogdanovic. Hu minnu li AC Carmelo Magri ċempel lill-Ispettur almenu darbtejn is-Sibt filgħaxija u darba lis-Supretendent il-Ħadd qabel nofsinhar. Meta ċempel lil tal-aħħar, Bogdanovic kien ġja rrilaxxat fuq *Police Bail.*

29. Meta jien staqsejt lil-Ispettur Camilleri għaliex, la kienet ħassitha konvinta li l-prekawzjonijiet u l-miżuri li ħadet kienu tali li jipproteġu lil omm u uliedha, xorta waħda ddeċiediet li ttella' lil Bogdanovic il-Qorti **b'arrest** minflok **b'notifika**, l-Ispettur wieġbet ċar u tond li riedet li tinħareġ ***Protection Order*** malajr kemm jista' ikun, liema ordni setgħet toħroġ biss b'digriet tal-Qorti. Li kieku ħarrket lil Bogdanovic permezz ta' notifika u mhux b'arrest, kieku kienu jgħaddu ġranet jekk mhux ġimgħat sħaħ qabel ma Bogdanovic jitressaq bħala akkużat il-Qorti. Għalkemm wieħed jista' jirraġuna li fiċ-ċirkostanzi l-Ispettur imxiet b'mod korrett u li, permezz t'hekk, aċċertat ruħha li l-*Protection Order* fil-konfront tas-Sur Bogdanovic tinħareġ mill-Maġistrat malajr kemm jista' ikun, minn angolu differenti, dan ir-raġunar ma tantx ireġi. Dan għaliex jekk il-*Protection Order* hi dik il-miżura li f'każijiet serji tagħti iktar serħan tal-moħħ lil kulħadd minħabba t-tifsira u l-import tagħha, ma tantx jagħmel sens li fl-istess ħin tagħti il-*Police Bail* lil persuna li tkun għamlet theddida serja. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-għażla kellha tkun li jew tagħti *Police Bail* u mbagħad tressaq persuna b'akkuża permezz ta' notifika, jew inkella żżomm persuna arrestata sakemm titressaq il-Qorti b'arrest, speċjalment meta taf li, f'dan il-każ, ġja kien miftiehem bejn il-Maġistrat u l-Ispettur li l-preżentata ssir it-Tnejn filgħodu, cioe' 37 siegħa minn meta Bogdanovic kien arrestat.



L.

30. S'issa eżaminajna ċ-ċirkostanzi, kif spjegati lili mix-xhieda diversi li sejjaħt, li wasslu sabiex is-Sur Danijel Bogdanovic kien rilaxxat (*Police Bail*) mill-arrest. Iddeterminajna wkoll li l-proċedura u l-liġi li japplikaw f'dawn iċ-ċirkostanzi kienu segwiti. Rajna wkoll li għajr għat-telefonata minn sors estern għall-Pulizija li saret is-Sibt filgħaxija, u li kienet segwita b'telefonati mill-AC Magri lill-Ispettur u lis-Supretendent, ma jirriżultalix li kien hemm xi intervent estern ieħor f'dan il-każ. Jekk kien hemm xi intervent ieħor estern jien ma sirtx naf bih minkejja n-numru ta' xhieda li sejjaħt. Nista' nikkonferma wkoll li mir-recordings ta' żewġ telefonati li AC Magri għamel lill-Ispettur Camilleri, fl-ebda ħin ma deher li kien hemm xi pressjoni biex Bogdanovic ikun rilaxxat għajr għas-suġġeriment li kien ikun aħjar li jitressaq b'akkuża l-Qorti l-Ħadd stess. Wieħed jista' iħaddan waħda minn żewġ fehmiet fir-rigward ta' dan s-suġġeriment: jew għaliex kien jidher ċar li s-smiegħ tal-akkuża l-Ħadd kien iwassal għal-liberta' proviżorja b'digriet (u *Protection Order*) tal-Qorti, jew biex il-Pulizija tagħmel l-almu tagħha li ma żżommx persuna taħt arrest iktar milli jkun meħtieġ. Madanakollu, d-dubju li wara dawn it-telefonati kien hemm il-logħba futbol tal-Ħadd wara nofsinhar jibqa' ibergħen f'moħħ dak li jkun. Mill-banda l-oħra, rajna wkoll kif il-president u l-kowċ ta' Xewkija Tigers kienu rassenjati li Bogdanovic ma kienx se jilgħab, tant illi sejħu player minn Malta biex jilgħab minflok Bogdanovic.
31. Biex nikkonkludi, jista' ikun li bejn li l-istħarriġ tal-Ispettur kien prattikament konkluż (u allura l-konsiderazzjoni jekk persuna għandhiex tibqa' miżmuma mill-Pulizija iktar milli meħtieġ), u t-telefonati ta' AC Magri lill-Ispettur u partikolarment il-konversazzjoni tagħha mas-Supretendent Vella wasslu lill-Ispettur biex tiddeċiedi li tagħti l-*Police Bail*. L-element ta' nuqqas ta' sensittivita' f'din id-deċiżjoni jibqa' preżenti, m'hemmx dubju.
32. Jonqos issa li naraw ir-raba' punt li jien intlabt biex neżamina skont it-termini tal-ittra tal-ħatra. Dan narawh taħt is-sottotitlu 'Rakkomandazzjonijiet' iktar 'l isfel.

## Ċ. Rakkomandazzjonijiet

33. Kif rajna iktar 'l fuq, l-artiklu 355 AJ.(1) u (3) u l-artiklu 355 AL.(1) u (2) ta' Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta – Kodiċi Kriminali, huma l-iktar relevanti għall-każ li qegħdin neżaminaw.
34. Skont sub-artiklu 355AJ.(1) l-uffiċjal investigatur tal-Pulizija hu obbligat li jinforma lill-Maġistrat tal-Għassa jekk persuna arrestata mill-Pulizija se ddum taħt dan l-arrest għal iktar minn sitt siegħat. Naraw imbagħad sub-artiklu 355AJ.(3) li jobbliga lill-istess Pulizija li jirrilaxxaw lil persuna arrestata jekk fi żmien 48 siegħa l-istess persuna ma tkunx se titressaq b'arrest il-Qorti. Naraw ukoll li skont artiklu 355AL.(1) u (2) jekk persuna tkun qegħda tinżamm mill-Pulizija skont sub-artiklu 355AJ.(3), fl-interpretazzjoni tiegħi tal-artiklu, il-Pulizija għandhom javżaw lill-Maġistrat qabel ma jirrilaxxa lill-arrestat. Nikkwota mil-liġi:
*Artiklu 355 AL.(1) Ikun id-dmir tal-uffiċjal tal-kustodja li jordna l-ħelsien immedjat mill-kustodja ta' persuna li tkun qed tinżamm f'detenzjoni mill-Pulizija fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 355AJ(3) jew meta l-uffiċjal tal-kustodja jsir jaf li r-raġunijiet għad-detenzjoni ta' dik il-persuna jkunu temmu japplikaw u li ma jkunx hemm*

*raġunijiet oħra bil-liġi li minħabba fihom id-detenzjoni mkomplija ta' dik il-persuna tista' tkun ġustifikata.*

*Artiklu 355AL.(2) Qabel l-uffiċjal tal-kustodja jordna il-ħelsien mill-kustodja ta' persuna taħt is-subartikolu (1) l-uffiċjal tal-kustodja għandu jinforma lill-uffiċjal investigatur u lill-Maġistrat u d-deċiżjoni finali tkun tispetta lill-Maġistrat.*

35. Nirrikkomanda li dawn iż-żewġ sub-artikli għandhom ikunu miflija b'lenti legali għaliex mix-xiehda li smajt matul din l-inkjesta ħareġ il-fatt li fil-Korp tal-Pulizija l-prassi hi l-uffiċjal investigatur jagħti direzzjoni lill-uffiċjal tal-kustodja biex persuna tingħata il-*Police Bail*. M'inhix qiegħed ngħid li din hi prassi żbaljata jew li ma għandux jibqa' isir hekk. Imma, fil-fehma tiegħi, l-Maġistrat hi l-persuna li skont il-liġi għandha tiddeċiedi dwar il-ħelsien temporanju mill-arrest, speċjalment jekk ikunu għadhom ma għaddewx 48 siegħa mill-arrest u meta ikun ġja ġie deċiż (bħal fil-każ Bogdanovic) li l-persuna tkun se titressaq il-Qorti b'arrest f'inqas minn 48 siegħa mill-ħin oriġinali tal-arrest. Ngħid hekk ukoll għaliex jekk l-istess liġi tirrekjedi li l-uffiċjal investigatur irid bil-fors jitlob lill-Maġistrat biex jestendi l-ħin tal-arrest iktar minn sitt siegħat (Artiklu 355AJ.(1), kif inhu possibbli li mbagħad l-istess persuna tinħeles fuq *Police Bail* mingħajr ma jkun jaf l-istess Maġistrat li jkun awtorizza l-estensjoni tal-arrest?

36. Partikolarment dwar il-każ Bogdanovic, iktar mit-telefonata li għamel is-Sur Jesmond Zammit lill-Assistent Kummissarju Carmelo Magri s-Sibt filgħaxija, dak li jispikka kienet il-konversazzjoni bejn is-Supretendent Antonello Grech u l-Ispettur Adel Mary Camilleri l-Ħadd filgħodu. Dan qiegħed ngħidu wara li flejt ix-xiehda li taw it-tliet uffiċjali tal-Pulizija msemmija. Fil-fehma tiegħi, t-telefonata oriġinali tas-Sibt filgħaxija setgħet tat bidu għall-mod kif żviluppa l-każ, imma l-fattur determinanti li wassal għall-*police bail* kienet l-imsemmija konversazzjoni. Kemm jekk Bogdanovic kien jinżamm arrestat sal-ħin tal-preżentata u kemm jekk ingħata l-*police bail*, kif fil-fatt sar, il-Pulizija dejjem kienet qegħda taġixxi fil-parametri li tagħtiha l-liġi. Jidher ukoll li mhix l-ewwel darba li detenut b'konnessjoni ma' vjolenza domestika ngħata l-*police bail*. Lil hemm mill-każ Bogdanovic, u jekk kienx sewwa li Bogdanovic ma baqax taħt il-kustodja tal-Pulizija sakemm tressaq il-Qorti, rridu nżommu quddiem għajnejna li fuq perjodu ta' sena l-Pulizija jidħlulhom mijiet ta' rapporti ta' din ix-xorta. M'għandhomx għalhekk ikunu ġġudikati, tajjeb jew ħażin, fuq każ iżolat. Il-konversazzjoni msemmija għandha tkun suġġett li l-amministrazzjoni tal-Pulizija, forsi bil-kontribut tal-Avukat Ġenerali, għandha tixtarr iktar fil-fond, dan fl-interess tal-uffiċjali tal-Korp.

37. L-aħħar punt li kellha teżamina din l-inkjesta hu jekk il-proċeduri f'każijiet ta' allegata vjolenza domestika humiex adegwati. Biex nipprova nifli sewwa dan l-aspett, tlabt li niltaqa' informalment mas-Sur Joe Gerada, Chairman tal-Kummisjoni dwar il-Vjolenza Domestika li laqa' it-talba tiegħi. Għal-laqgħa bejnietna s-Sur Gerada kien akkumpanjat mill-Avukat Lara Dimitrievic, membru tal-istess Kummissjoni. F'din il-laqgħa ferm utili għalija, tqajmu b'mod sommarju punti li bħalissa qegħdin ikunu kkonsidrati fi tħejjija ta' abbozz ta' liġi ġdida propju dwar il-vjolenza domestika u vjolenza għall-bażi tal-ġeneru. Min-naħa amministrattiva, t-tħejjija tinsab fi stadju avvanzat tant li ġja saret konsultazzjoni pubblika u li l-istess abbozz jinsab lest għall-ewwel qari fil-Parlament.

38. Nifhem ukoll li l-abbozz ta' liġi hu bbażat fuq il-Konvenzjoni ta' Istanbul li Malta ġja rratifikat madwar sentejn ilu (Kapitlu 532 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunisll tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika), u se jkopri diversi miżuri fosthom servizzi, responsabbiltajiet, kampanja dwar ugwaljanza bejn is-sessi, ġbir ta' statistika u interpretazzjoni tagħha, kif ukoll tisħiħ fil-protezzjoni tal-vittmi. Hemm il-ħsieb ukoll li jkun stabbilit 'Response Team' b'mod koordinat bejn entitajiet diversi bħal Pulizija u *Social Workers*. Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika tidher sodisfatta b'dak li qiegħed jitħejja għal din il-liġi ġdida imma saħqet dwar l-importanza li fejn tidħol vjolenza domestika u tal-ġeneru għandu jkun hemm koordinament strett fl-ogħla livell governattiv, jiġifieri f'livell ta' Ministeri fosthom dak tal-Ġustizzja, tas-Sigurta' Nazzjonali u Intern, tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali, tas-Saħħa u tal-Libertajiet Ċivili. Ma nistax ma naqbilx ma' dan. Huwa permezz ta' koordinament bejn l-entitajiet kollha konċernati li liġi bħal din tkun tassew effettiva u li ġġib it-titjib meħtieġ f'dan il-qasam.
39. Ma jidhirlix li hemm xi nżid ma' dak li qiegħed jiġi kkontemplat li jidħol fil-liġi l-ġdida. Iżda inħossni fid-dmir, konxju mill-fatt li m'hinix persuna bi sfond legali, li nsaqsi mistoqsija oħra dwar il-*Protection Order*. Jekk il-liġijiet ta' Malta jippermettu li persuna kapaċi twaqqaf proviżorjament azzjoni (e.g. proġett kbir jew *enforcement action*) billi sempliċiment titlob mandat ta' inibizzjoni fil-Qrati Maltin għaliex, f'każ ta' vjolenza domestika, ma għandux isir xi ħaġa biex *Protection Order* tkun tista' toħroġ taħt l-awtorita' ta' Maġistrat, forsi mingħajr il-ħtieġa ta' seduta formali fil-Qorti?
40. Irrid inżid ukoll għall-konsiderazzjoni tal-awtoritajiet il-ħtieġa li l-membri tal-Korp tal-Pulizija jkollhom għarfien bażiku tas-suġġett. Dan sabiex meta quddiemhom jitla' rapport dwar vjolenza domestika huma ikunu kapaċi jiżnu l-gravita' u s-sensittivita' tal-każ li jkun qiegħed jiġi rrapportat lilhom, dan fl-interess tal-allegat vittma, tal-persuna li kontriha qiegħed isir ir-rapport u tal-komunita' in ġenerali. Kif rajna fil-każ li qegħdin nanalizzaw, l-Pulizija jkunu l-ewwel li jiffaċċjaw il-vittma/i tal-vjolenza u lil min iwettaqha. Dejjem jibqa' il-ħtieġa li jissaħħaħ u jitjieb l-operat u għalhekk il-ħtieġa ta' iktar taħriġ fil-materja u li dan ikun sostnut b'liġijiet effettivi.

Brigadier (ret'd) Carmel Vassallo
Bord ta' Inkjesta

Annessi:
DOK 1 – Ittra tal-ħatra
DOK 2 – Kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-kustodja tal-Pulizija (Police Bail)
DOK 3 – Ordni ta' Protezzjoni
Xiehda – Pulizija (u dokumenti mehmuża)
Xiehda – Onor. Ministru għal Għawdex
Xiehda – Sur Jesmond Zammit, Kowċ Xewkija Tigers
Xiehda – Sur Jeffrey Farrugia, President Xewkija Tigers
Xiehda – Sur Saviour Balzan, Editur MaltaToday (u dokumenti mehmuża)
Laqgħat mal-Kummissarju tal-Pulizija, Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika u Maġistrati

DOK 1.a.

PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

OPM/COF/504/2016

7 ta' Novembru 2016

Għażiż Sur Vassallo,

Skont l-Artikolu 4 tal-Att Dwar l-Inkjesti (Kap. 273), inti qed tiġi appuntat Bord ta' Inkjesta biex:

- Teżamina ċ-ċirkostanzi kollha li wasslu sabiex is-Sur Daniel Bogdanovic ġie rilaxxat mill-arrest;
- Tiddetermina jekk ġietx segwita l-proċedura u l-liġi li tapplika f'dawn iċ-ċirkostanzi;
- Tiddetermina jekk kienx hemm xi forma ta' intervent estern f'dan il-każ;
- Teżamina kull kwistjoni anċillari għall-ħwejjeġ imsemmija fil-punti preċedenti partikolarment jekk il-proċeduri f'każijiet ta' allegata vjolenza domestika humiex adegwati u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek xierqa b'riżultat tal-konklużjonijiet li tasal għalihom.

Int qed tiġi mitlub li tikkonkludi l-investigazzjonijiet tiegħek mhux aktar tard mill-25 ta' Novembru 2016. Matul l-investigazzjonijiet tiegħek għandek dritt teżerċita il-poteri kollha li l-liġi tpoġġi għad-dispożizzjoni tiegħek.

Louis Grech
Aġent Prim Ministru

Is-Sur Carmel Vassallo

DOK 1.b

**ĠURAMENT**

Jiena Carmel Vassallo li ġejt maħtur *Chairman* ta' Bord t'Inkjesta kif imfisser fl-annessa ittra tal-ħatra naħlef li jiena bil-fedelta' kollha u imparzjalment, u mill-aħjar li nista' naqdi d-dmir u x-xogħol li jmissni bis-saħħa tal-imsemmija ħatra.

Hekk Alla jgħini.

Carmel Vassallo
I.D. 408854M

Maħluf quddiemi illum, 8 ta' Novembru 2016 fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-Palazz, il-Belt Valletta.

08 NOV 2016

FRANCESCA SCERRI
LEGAL PROCURATOR

DOK 2

(6)

# Kondizzjonijiet tal-helsin mil-kustodja tal Pulizija

## (POLICE BAIL)

Illum 30 ta' Ottubru 2016
Lill, Daniel Bogdanovic ID. 415999M
Sunshine Flat 2B Triq Ta' Wara S- Sur Rabat Ghawdex.

Il- Pulizija wara li rat il-kors tal-investigazzjonijiet u rat illi ghandu jissusisti kontra tieghek is-suspett ragonevoli, u li ghad hemm lok ta investigazzjoni u/jew proceduri gudizzjarji kontra tieghek, qieghda tiffissa dawn il kundizzjonijiet ta rilaxx:

Illi int m ghandekx tipprova jew taghmel xi haga biex titlaq minn Malta minghajr l-awtorita ta l-ufficjal investigattiv.

- Illi int ghandek tirraporta nhar 31 ta' Ottubru 2016 fi 8:30am l-Ghassa tal Pulizija Rabat Ghawdex .

B dan qieghed ngharfek ukoll li jekk tonqos milli tossserva xi wahda minn dawn il kundizzjoniet hawn fuq imsemmija, jistghu jittiehdu passi kriminali fil confront tieghek li huma punibbli b detenzjoni jew multa jew it- tnejn flimkien u tista wkoll tisfa arrestat minghajr bzonn ta Mandat u dan a terminu tal- Artikolu 335 AL tal KAP 9 tal –Ligijiet ta Malta

Pc 80 [signature]
Pc 80 Stephen Mercieca
Ufficjal tal- Kustodja

[signature]
Daniel Bogdanovic
415999M

Dok 3

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GHAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## ORDNI TA' PROTEZZJONI
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT DR** Joanne Vella Cuschieri

**ILLUM** 31 ta' Ottubru, 2016

**PULIZIJA**
**(Spettur** Ethel Mary Camilleri**)**

**Vs**

Danijel Bogdanovic

Il-Qorti,

Rat ir-rikors/ Semgħat il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat Danijel Bogdanovic detentur tal-karta ta' l-identita' numru 415999(M) taħt il-kundizzjonijiet is-segwenti:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Alison Bogdanovic u t-tlett ulied Manuela, Dejan u Sanja

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, ~~għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew~~ sas-sentenza finali, ġewwa l-fond fejn ~~tirrisjedi~~/jirrisjedi/u, ~~jaħdem~~/taħdem jew j/tiffrekwenta skejjel tat-tfal skejjel tal-ulied kif ukoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond;

c) Tipprojbixxi lill-akkużat milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Alison Bogdanovic u t-tlett ulied Manuela, Dejan u Sanja

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ~~ta'~~ sas-sentenza finali ~~mhux~~.

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2, 329, 37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn li huma.

Maġistrat

Akkużat

KRIM 30.2011